MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 308/2008/1

**GO p.l.c.**

**vs**

**Dr. Joseph Pace LL.D.**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Lulju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti *in parte* sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikors tas-socjeta attrici pprezentat nhar it-tlieta (3) ta' Settembru 2008 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef, tmien mija u ghoxrin euro u sebgha u tmenin euro centezmu (€4,825.87) liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici 'n

konnessjoni mas-servizzi tat-telekomunikazzjoni li jgibu n-numru (AC 10071877) u S/C 5363 (AC 10002255) skond diversi kontijiet mibghuta lilu u skond kif jirrizulta mill-annessi Dok. 'A' u 'B' u kopja ta' ftehim hawn anness w immarkat Dok. 'B' u 'C'.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut pprezentata nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Novembru 2008 fejn espona s-segwenti:-

"1. Illi t-talbiet attrici huma mibnija fuq zewg applikazzjonijiet ghal servizzi differenti b'numri w indirizzi differenti u pretensjonijiet xejn simili ghal perjodi u ammonti differenti. Ghalhekk ser jitresqu eccezzjonijiet separati dwar iz-zewg kazi tat-telefon numru 21224248 u dik li tikkoncerna s-servizz imsemmi S/C 5363 u jecepixxi li ghalkemm din hi kawza wahda bejn il-partijiet, il-mertu hu proprjament zewg talbiet differenti.

2. Illi preliminarjament rigwardanti t-telefon line 21224248 qed jigi eccepita l-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (l-artikolu jigi definit fis-smigh) kontra dawk il-parti kollha ta' *Rentals* jew *Calls* li jirrisalu bejn Gunju 2000 w Awwissu 2003 billi qatt m'ircieva atti gudizzjarji dwarhom li setghu jinterrompu l-preskrizzjoni.

3. Illi bla pregudizzju ghal dan, hu eccepit li r-*rentals* dwar 21224248 ta' bejn l-ewwel (1) ta' Settembru 2003 u Dicembru 2004 m'humiex dovuti ghax il-kont kien gie maghluq bi kwalunkwe hlas dovut fl-epoka tat-tnejn w ghoxrin (22) t'Awwissu 2003 meta l-esponent kien ikkonsenja c-cwievet tal-post koncernat (Ufficcju professjonali tal-esponent) lura lis-sidien (G. Busuttil) u ttermina

l-kirja (ara Dok. JR 1). Hu kien efettivament mar f'dawk il-granet fl-ufficcju tal-Maltacom fi Triq Nofsinhar, il-Belt u ttermina s-servizz. Ghalhekk, xejn aktar m'hu dovut lill-atturi dwar in-numru tat-telefon 21224248. Anzi l-esponent, minn verfika rrizultalu wkoll li l-linja 21224248, anzi dan in-numru, kien inghata lil haddiehor u l-esponent vverfika li hi posseduta minn utent terz fil-Marsa. Ghalhekk it-talba dwar din il-linja ghandha tigi michuda.

4. Illi kwantu ghal pretensoni l-ohra kif murija fid-dokument l-iehor dwar servizz imsejjah misterjozament S/C 5363 (A/c 10002255) l-esponent jecepixxi li dawk l-ammonti m'hmiex dovuti u li m'ghandux ibati spejjez, penalitajiet jew imghax legali, ghal diversi ragunijiet fosthom;

(a) Illi hu qatt ma rrisjeda fi, jew ghamel uzu mill-fond f'Richmond Court jew mill-*equipment* koncernat izda kien applika ghal haddiehor tant li l-*billings* qatt ma ircevihom d-dar jew l-ufficcju tal-Belt u dan ghax l-utent veru kien certu Jurgen Neumann, li dak iz-zmien kien ser ikollu xi negozju zghir ma l-esponent… anzi, ma jistax jifhem kif l-applikazzjoni hi f'ismu proprju u jitlob li l-Qorti tordna l-produzzjoni tal-Original tal-iskrittura relattiva. Jekk ifittxu fil-*file,* bilfors il-GO isibu li l-hlasijiet ghamilhom dejjem Neumann jew certa Samantha Statton li kienet mieghu.

(b) Illi l-atturi ghandhom jispjegaw lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex fil-kaz tas-servizz ta' tas-Sliema S/C 5363 baqghu jippretendu hlas ta' *Rentals* u penali mill-ewwel (1) ta' Jannar 2004 sat-tletin (30) ta' Mejju 2008 (erba' snin shah xahar wara xahar) wara li Neumann kien ivvaka l-flat koncernat. Jekk dak ma tterminax s-servizz, l-atturi kellhom mod kif jipprezentaw il-kontijiet lill-esponent f'daru jew almenu jcemplulu u kien ikollu opportunita jiccalingjahom dwar dik il-pretensjoni taghhom lill-esponent a tempo debito. Di piu, kif kellhom dritt, setghu jitterminaw is-servizz in

meritu *for non payment* kif isir u b'hekk jillimitaw id-danni.

(c) Bla pregudizzju ghal dan, qed jigi eccepit l-atturi jehtiegu wkoll jispjegaw xi jfissru il-kliem abbrevjat fiz-zewg *statements* fit-tieni kolonna taghhom rispettiva u fosthom certi diskrepanzi bhal x'inhi u kif giet kalkolata s-somma kbira deskritta CHREPR ta' Eur 798.81 li tinsab sittax (16) il-kolonna tat-tieni pagna Dok. 'B' li hi espressament kontestata. Senjatament l-esponent jeccepixxi li dawn is-somom u l-ohrajn b'ismijiet strambi diversi, m'humiex gustifikati la fil-att u lanqas fid-dritt, qatt ma kien avzat bihom (hlief il-Credit Control b'telefonata f'Mejju) u qatt ma ffirma ebda ftehim li kellu jkun soggettat ghal *rentals* tant zvarjati u bla regola (ara l-i*statement* dettaljat, fejn minn Eur 2.75 mensili, r-*Renta* saret Eur 72.63 mensili) ta' dik ix-xora fuq dan is-servizz u wisq anqas ma jissemmew penalitajiet jew *late payment charges* fl-*agreements* Dok. 'A' jew Dok. 'B'.

(d) Fl-ahhar nett hu eccepit li minn certa data (ilu) is-servizz ta' LL-A-Voice (cioe dak fuq deskritt taħt S/C 5363 (apparat li mhux linja tat-telefon bhall-ohrajn) m'ghandux jintuza jew jigi provdut ghall-kiri, u mela ma setghux legalment jibqghu ghaddejjin jinvojsjaw servizz li mhux jinghata la lill-indirizz koncernat u lanqas lil pubbliku 'n generali.

Ghalhekk l-esponent jitlob li pevja li tigi milqugha l-eccezzjoni tieghu ta' preskrizzjoni dwar dawk ir-*rentals* li tigi milqugha l-eccezzjoni tieghu ta' preksirzzjoni dwar dawk ir-*rentals* ta' qabel Awwissu 2003, tichad it-talba attrici fuq iz-zewg *accounts* rispettivament bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni."

Rat il-verbal registrat fl-atti nhar il-hdax (11) ta' Dicembru 2008 fejn Dr. Joseph Pace, il-konvenut, iddikjara li t-tieni eccezzjoni tieghu tirrigwarda l-preksrizzjoni ai termini ta l-artikolu 2156(d) u (f).

Rat ix-xhieda tal-konvenut **Dr. Joseph Pace** moghtija nhar is-sbatax (17) ta' Frar 2009. Dwar it-telefon numru 21224248 huwa ighid li m'ghandu jaghti xejn dwaru. Jispjega billi ighid li jiftakar li malli gie biex ihalli l-ufficcju legali tieghu, fejn attwalment kienet installata din il-linja huwa kien mar l-uficcju tas-socjeta attrici, li dak iz-zmien kienet maghrufa bl-isem 'Maltacom' gewwa South Street, Valletta u kien talabhom sabiex jissetilja l-kontijiet li kien hemm u kien hallashom dak li kien gie mitlub ihallas. Jghid li mbaghad minn dakinhar sa meta xehed, kienu ghaddew seba' snin w ghalhekk ricevuti m'ghandux. Jiddikjara pero li fuq dan il-kont, pero m'ghandu jaghti xejn. Mistoqsi meta effettivament kien hallas, ighid li ma jiftakarx. Huwa gie muri l-fehim esebit fl-atti datat wiehed w ghoxrin (21) ta' Gunju 2001 u ighid li ghalkemm skond dan il-ftehim, huwa kellu jaghmel l-ahhar pagament sal-wiehed w ghoxrin (21) ta' Settembru dan ghamlu ghalkemm jikkonerma li fis-sena 2001 huwa kellu kont pendenti mas-socjeta attrici. Ikkonferma wkoll li qatt m'ircieva xi Ittra Ufficcjali sabiex jaffettwa xi hlas.

Fl-istess jum tas-sbatax (17) ta' Frar 2009 xehdet **Dr. Ingrid Young** ghan-nom tas-socjeta attrici fejn qalet li mir-*records* tas-socjeta attrici l-konvenut m'ghamel l-ebda hlas u tikkonferma li l-ammont mitlub fir-rikors promotur ghadu dovut. Dan l-ammont jirrappresenta servizzi moghtija lill-konvenut ghas-snin 2001 sa 2004 u sas-sena 2004 il-linja kienet ghadha tghajjat lill-konvenut u kien fis-sena 2004 li nqatghet il-linja minhabba *non payment* u peress li kienu qattghulu l-linja, tawh *credit* ta' *rental refund*. Ikkonfermat ukoll li mill-wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2003 'l quddiem l-hlasijiet huma dovuti biss ghal kera ghax

telefonati ma sarux. Murija d-doument a fol. 18 tghid li mill-*file* tas-socjeta attrici ma jirrizultax li qatt kien hemm xi talba ghar-*removal* tat-telefon minn naha tal-konvent, ghalkemm seta' kien il-kaz li kien taha c-cwievet tal-fond fejn kienet installata din il-linja lura lil sidu.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut prezentata fl-atti nhar il-wiehed w ghoxrin (21) t'April 2009 kif ukoll dik prezentata mis-socjeta attrici nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 2009.

Semghet il-partijiet jittrattaw dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut.

Rat li din is-sentenza hija wahda preliminari u li ser tinghata limitatament fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali.

Ikkunsidrat:-

Illi ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbahha;

Illi jekk wiehed japplika l-principji hawn fuq imsemmija ghandu jsib li l-kreditu li jippretendi l-attur jista' jaqa' sewwa sew taħt id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 2156(f).

Din hija kawza ghall-hlas ghas-somma ta' erbat elef, tmien mija u ghoxrin euro u sebgha u tmenin eruo centezmu (€4,825.87) bhala ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru (21224248).

Illi ghal din l-azzjoni, il-konvenut eccepa in linea preliminari l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2156 (e) u (f) tal-Kap 16.

L-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili jiddisponi:
*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:*
***(e)*** *l-azzjonijiet ghar-radd ta' flus moghtija b'self, jekk is-self ma jirrizultax minn att pubbliku;*
***(f)*** *l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

Issa minn ezami tas-suespost jirrizulta minufih li s-sub artikolu **(e)** tal-Artikolu 2156 ma japplikax fil-kaz in esami u dan ghaliex m'hemm l-ebda allegazzjoni f'dan il-kaz li gew mislufa xi flejjes, izda dak li huwa kontesta huwa, jekk il-keditu li allegatament ghandha is-socjeta attrici, ghadhiex dovuta jew le.

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni ai termini tas-sub inciz (e) tal-Artikolu 2156 qed tigi respinta minnufih.

Jispetta ghalhekk lil din il-Qorti titratta l-eccezzjoni l-ohra sollevata ai termini tas-sub inciz (f) u cioe dik kwinkwennali. Minnufih jinghad li l-preskrizzjoni t'azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni setghet tigi ezeritata ( Art. 2137 tal-Kap 16).

L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** jghallmu li:-

*"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere. . ."* (Cfr. *Trattato Teorico-Pratico di*

*Diritto Civile: Della Prescrizione* Cap XII, par 364 pag. 279.)

Izjed 'l quddiem iziedu jghidu illi:-

*"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale" (Op. Cit. Par 393bis, pag 306).*

Illi gie stabbilit ukoll li, ai fini tal-artikolu 2137, iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda tiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab, u li certament, in-nuqqas ta' gharfien tal-ligi m'huwiex raguni tajba biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel (Ara P.A. **25.4.1964** fil-kawza fl-ismijiet ***Alfred Delia vs John Testaferrata Abela (Kollez. Vol: XLVIII.ii.959)***

Illi marbut ma' dan il-principju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull kaz trid tistharreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tichad l-eccezzjoni (App. Civ. **5.4.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et).***

Illi t-tieni konsiderazzjoni hi li, minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha, tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u "*tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva*" (19 App.Civ. **11.5.1956** fil-kawza fl-ismijiet ***Cali vs Galea*** (Kollez. Vol: **XL.i.166**).

Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-artikolu 2143 tal-Kodici Civili.

Ghalhekk, bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva. (Ara kawzi fl-ismijiet **Ralph Naudi, Francis Micallef u William Mock vs Maltacom p.l.c.** P.A. 9-Nov-2001, u **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. vs Dismar Co. Ltd.** P.A. 12-Ott-2004, u **Baudry-Lacantinerie et Tissier** fit-trattato Teorico Pratico di Diritto Civile Vol XXVIII, "Della Prescrizione" Par. 712).

Rigward il-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) jinghad li fil-kawza, **Giovanni Saliba et vs Angelo Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sebgha (7) ta' Frar 1949, inghad li:

*"….fejn fl-artikolu 2156(f) jinghad "ghall-hlas ta' kull kreditu iehor…." dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-depozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici w ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun eiusdem generis skond irregola komunament accettata fil-gurisprudenza." u* f'din il-kawza saret referenza wkoll ghal **Spiteri vs Petrococchino et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-disgha (9) ta' Jannar 1919.

Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni *eiusdem generis*.

Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola t'interpretazzjoni ta' *eiusdem generis*, tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' *obbligazione di fare*, imma kollha obbligazzjonijiet ghal hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.

Fil-fatt, fil-kawza **Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fid-dsatax (19) t'Ottubru 1954, inghad li:-

*"….jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus.Kull kreditu iehor, hemm imsemmi m'ghandux jiftiehem li jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus…."*

Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti; jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali.

Ta' l-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus. (Ara wkoll **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. PA** 12-Ott-2004).

Fil-kaz in ezami, il-hlas li qed jitalab huwa hlas ta' flus u ta' natura fungibbli w ghaldaqstant, jaqa' taht il-preskrizzjoni citata hawn fuq.

Illi l-ammont dovut allegat mis-socjeta` huwa minn Gunju tas-sena 2000 sa qabel ma giet prezentata dan l-istess rikors. Jirrizulta pero minn dak li xehdet Dr. Ingrid Young, li s-socjeta attrici qed tippretendi hlasijiet dwar telefonati li saru sal-wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2003 u kirja tal-linja ghas-snin ta' wara.

Illi l-konvenut fix-xhieda tieghu jghid li wara li huwa rrilaxxja l-ufficcju mikri lilu w ghalhekk skond id-dokument esebit minnu a fol 18 markat bhala Dok.

JR 1 dan kien wara it-tlieta w ghoxrin (23) t'Awwissu 2003 huwa kien mar fl-ufficcju tas-socjeta attrici sabiex jissetilja l-pendenzi li kellu maghha. Jghid ukoll li huwa fil-fatt kien gie mitlub ihallas xi ammonti, li ma ftakarx kemm kienu u minn dakinhar il-quddiem ma baqghalux aktar pendenzi mas-socjeta attrici. Mistoqsi kellux xi ricevuti tal-hlasijiet li kien ghamel, l-konvenut wiegeb fin-negattiv. Illi ghalhekk l-ahhar pagament li setgha semmai ghamel il-konvenut kien wara Awwissu 2003. Dan il-pagament ammess minnu bla dubju ta' xejn jikkostitwixxi rikonciljazzjoni tad-dejn u kif gie ritentut li l-pagament akkont tad-debitu jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-dejn (Vol XXX p1 p755) w allura att minnu nnifsu interruttiv, ossija "*l'abdicazione di un diritto".* (**Farrugia vs Perini** PA 7-Dic-1901).

Fil-fatt, l-artikolu **2134 tal-Kodici Civili**, dwar ksur tal-preskrizzjoni, ighid hekk:-

*"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn, maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih."*

Gie ribadit ukoll, fil-kawza **Sammut vs Vella** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 1995, li dawn il-pagamenti akkont huma rikonoxximent tad-debitu u jservu biex jinterrompu l-preskrizzjoni. (Ara wkoll **Patrick Staines noe vs Charles Falzon et** PA deciza fit-tlieta (3) t'Ottubru 2002) Ukoll, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Carmelina Vella vs Anthony Borg** deciza fis-sittax (16) ta' Settembru 1994 intqal illi:-

*"Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tista tig nterrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu……"*

Issa dwar dan pero`, jibqa' dejjem l-obbligu ta' min jallega l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li jipprovaha,

ghalhekk din il-prova trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti.

Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal, li anzi ghandu l-kompitu li jiddeciedi *allegata et probata*. Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, *"jekk dwar din l-interruzzjoni, hemm kunflitt ta' provi, allura l-konsegwenza mhix li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-pozizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt li l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni."*

Ghaldaqstant, dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu. (Ara **Mary Rose Tabone vs Silvio Vassallo et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Marzu 2004).
Illi ghalhekk jekk l-konvenut stess li ghamel il-pagamenti mitluba li jaghmel f'Awwissu 2003 u dan ir-rikors gie intavolat fit-tlieta (3) ta'Settemrbu 2008 w ghalhekk entro il-hames snin w ghalhekk tali eccezzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 qed tigi respinta.

Ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Kawza differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi."

Dan hu appell intavolat mill-konvenut kontra s-sentenza preliminari hawn fuq riprodotta li cahditlu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a norma ta' l-Artikolu 2156 (d) u (f) tal-Kodici Civili;

L-atti tal-kawza juru illi bit-tieni eccezzjoni tieghu kontenuta fir-Risposta tieghu ghat-talba attrici, il-konvenut issolleva b'mod generali l-preskrizzjoni kwinkwennali. B'verbal tal-11 ta' Dicembru, 2008 (fol. 19) l-istess konvenut specifika liema kienu d-disposizzjonijiet rilevanti taht l-istitut tal-Preskrizzjoni li, skond hu, kienu applikabbli ghall-fattispeci. Is-sentenza, li minnha gie propost dan l-appell, ittrattat dawk il-prekrizzjonijiet specifici opposti u ghaddiet biex cahdithom. Il-kawza giet in segwitu ddifferita ghall-kontiwazzjoni tal-provi ghat-13 ta' Ottubru, 2009, wara li gie verbalizzat illi nghatat decizjoni *in parte* (ara verbal tas-7 ta' Lulju, 2009 a fol. 37);

Hu prinicpju tad-dritt procedurali illi biex att jitqies ritwali ghandhom qabel xejn jitharsu d-disposizzjonijiet rilevanti dettati mill-Kodici korrispondenti. Hekk, ad ezempju, fil-kaz ta' appell minn sentenza *in parte* r-regolamentazzjoni ghall-appell bhal dan skond il-previzjoni tal-Kodici ta' Procedura fl-Artikolu 231;

Koncizament, il-predett Artikolu 231 jipprovdi dan li gej:-

1. In linea ta' principju generali l-impunjattiva immedjata ta' sentenza parzjali li tkun iddeterminat xi kwestjoni partikolari mhix ammissibbli jekk mhux wara s-sentenza definittiva li tkun iddefiniet il-gudizzju;

2. Eccezzjonalment, l-appell minn tali sentenza parzjali hu possibbli biss u unikament wara l-otteniment minghad il-Qorti li tat is-sentenza tal-permess relattiv biex isir dak l-appell, "moghti fil-qorti bil-miftuh";

3. It-talba relattiva ghal dak il-permess tista' ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew fuq rikors *ad hoc* fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza;

4. Ottenut il-permess, it-terminu statutorju ghall-prezentata ta' l-appell mis-sentenza parzjali jew separata jibda jiddekorri mill-jum li fih dak l-istess permess jinghata mill-qorti fil-miftuh;

Jinzel mill-esposizzjoni rijassuntiva tal-precitat provvediment tal-ligi illi s-sentenzi ta' l-ewwel grad, li jkunu wkoll preliminari jew parzjali ma humiex soggetti awtomatikament ghad-dritt ta' appell minnhom, u, anzi, l-appell li jsir minnhom huwa improponibbli u inammissibbli jekk qabel ma tkunx preventivament inghatat l-awtorizzazzjoni debita mill-Qorti li tkun emettiethom. Awtorizzazzjoni din, li trid dejjem tinghata mill-Qorti "bil-miftuh". A propozitu ta' dan, din il-Qorti kif presjeduta kellha diga` okkazjoni tosserva illi "l-interpretu mill-ewwel jifhem illi dan ir-rekwizit tal-ligi mhux wiehed sempliciment kapriccjuz izda jassorbi fih zewg ghanijiet prattici importanti hafna. Dak generali tal-pubblicita`. Dan partikulari fejn il-parti interessata tkun edotta mill-awtorizzazzjoni, kemm ghax tkun fizikament prezenti fl-udjenza, jew xort' ohra rapprezentata, kemm jekk setghet kienet prezenti. Hemm raguni wisq ovvja ghal dan. L-imsemmi proviso jissokta jipprovdi illi t-terminu legali ghall-prezentata ta' l-appell jibda jghaddi 'mill-jum minn meta jinghata dak il-permess fil-qorti bil-miftuh'. Wiehed, imbaghad, ma jridx lanqas jinsa illi tali terminu hu perentorju". Ara "**Italian Image Co. Ltd -vs- Tourist Services Ltd**", Appell Inferjuri, 20 ta' Frar, 2008;

Ipprecizat il-premess, l-atti f'dan il-kaz jistabilixxu illi, ghalkemm il-konvenut kien sokkombenti fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta, u ghalkemm ukoll, ghal dik l-istess sokkombenza, huwa kellu kull interess guridiku li jimpunja s-sentenza relattiva, huwa naqas imbaghad milli jsegwi d-dettami tal-ligi fl-Artikolu 231 tal-Kapitolu 12 u jitlob l-awtorizzazzjoni opportuna. Dan igib li huwa ma setax jippromwovi appell minnha lil din il-Qorti ghaliex dik l-impunjattiva mahsuba minnu giet, ghal dak in-nuqqas tieghu, iddiferita *ope legis* ghal wara l-pronuncjament tas-sentenza definittiva. Dan li nghad japplika wkoll ghal kaz fejn tkun saret talba formali appozita li pero` tibqa' mhux degretata mill-Qorti. Ara f'dan is-sens b'illustrazzjoni d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali tat-28 ta' Jannar,

2000 fl-ismijiet “**Carmelo Attard *et nomine* -vs- Domenic Micallef *et nomine***”;

L-appellanti jista’ jobbjetta illi f’dan l-appell il-kontro-parti ma qajmetx l-eccezzjoni relattiva ta’ l-irritwalita ta’ l-appell tieghu, u u din giet hekk sollevata *sua sponte* mill-Qorti. Kontra din l-obbjezzjoni twiegeb sew il-gurisprudenza konkordi li tirritjeni illi “l-Qorti ghandha mhux biss id-dritt imma d-dmir li tissolleva *ex officio* l-pregudizzjali ta’ l-inappellabilita` tad-decizjoni li minnha jkun hemm appell ghax dan hu principju ta’ ordni pubbliku u l-Qorti ma tistax tassumi gurisdizzjoni li ma ghandhiex.” Ara “**Gio Andrea Psaila -vs- Emidio Mamo**”, Appell Civili, 16 ta’ Mejju, 1966 u “**Angelo Busuttil -vs- Joseph Lowell**”, Appell Inferjuri, 12 ta’ Frar, 1955, fost bosta ohrajn.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddikjara dan l-appell irritu u null u ma tiehux konjizzjoni tieghu, bl-ispejjez a karigu tal-konvenut appellanti. L-atti qeghdin jigu rinvjati lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------